MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1791/1996/3

**Concrete Mix Limited**

**Vs**

**Paul Psaila**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Mejju, 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn mitejn u erbatax-il Lira Maltija u sitta u tletin centezmi (Lm2,214.36), bilanc minn somma akbar, skond *statement* hawn anness markat Dokument "A", rapprezentanti prezz ta' kwantita' ta' *concrete mix* mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut;

Premess illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluzi permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Frar 1996 u ittra ufficjali datata 26 ta' Frar 1996, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ai termini tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidavit immarkat bhala Dokument "B";

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti b'dispensa ta' smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 - 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn mitejn u erbatax il-Lira Maltija u sitta u tletin centezmi (Lm2,214.36), bilanc minn somma akbar, skond *statement* hawn anness markat Dokument "A", rapprezentanti prezz ta' kwantita' ta' *concrete mix* mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 5 ta' Frar 1996 u ta’ l-ittra ufficjali datata 26 ta' Frar 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-Att tac-citazzjoni;

Rat is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tal-5 ta’ Ottubru, 1998, li ddikjarat nulla u bla effett fil-ligi s-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta moghtija fil-31 ta’ Mejju, 1996, u rrimettiet l-atti lil din il-Qorti sabiex tkompli tisma’ l-kawza bil-procedura ordinarja skond kif prevvist fil-Kapitolu 12 kif emendat;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fid-29 ta’ Dicembru, 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi rigward it-tieni talba, igifieri li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm2,214.36 bhala bilanc minn somma akbar, din ghandha tigi respinta (1) ghaliex il-kont fih hafna rati skorretti, mizuri differenti, granet neqsin, ecc. u (2) ghaliex (bla pregudizzju) bejn il-partijiet diga` saret tpacija *ope legis* minhabba li s-socjeta` attrici kienet hija stess debitrici ta’ l-eccipjent fis-somma ta’ Lm1869.14, kif jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Ghalhekk, fl-aghar ipotesi u bla pregudizzju s-socjeta` attrici fadlilha tiehu biss Lm345.22, liema somma hija fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mhux ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr Mark Chetcuti sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali li jinsab a fol. 199 *et sequitur* u li gie minnu debitament ikkonfermat fis-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2008;

Rat ir-risposti in eskussjoni a fol. 225 maghmula mill-Perit relatur ghad-domandi tal-konvenut;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata fil-11 ta' Dicembru, 2009 mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Id-domanda tas-socjeta` attrici hi principalment intiza biex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha ghall-fornituri ta' konkrit. Il-konvenut ma jikkontestax dan, kif hekk ukoll mhux kontrastat mis-socjeta` attrici illi da parti taghha hi wkoll debitrici versu l-konvenut ghal xoghlijiet minn dan ezegwiti gewwa fond proprjeta` taghha. Il-veru divarju bejniethom jikkonsisti fil-likwidazzjni ta' l-ammont attribwibbli ghal dawn ix-xoghlijiet li kellu jigi kompensat mal-kreditu tas-socjeta` attrici. Hekk mentri din ta' l-ahhar tippretendi li l-valur tax-xoghlijiet kien dak stmat mill-Perit Edwin Mintoff jew periti addetti fl-ufficcju tieghu (fol. 62), il-konvenut jikkontendi illi dak dovut lilu kellu jkun f'ammont superjuri in vista tad-diskrepanzi li hu jallega li kien hemm fir-rati, il-kejl u numru ta' granet lavorattivi fl-istima ta' l-imsemmi Arkitett;

Biex tassistiha fir-rizoluzzjoni tal-kontroversja l-Qorti, diversament presjeduta, innominat perit legali, li ghadda biex jirrelata kif gej:-

i. Il-konvenut jaqbel li l-kejl tax-xoghlijiet prestati minnu kellu jsir mill-Perit tas-socjeta` attrici u minghand liema, ghalkemm xhur wara, irceva l-istima relattiva;

ii. L-istess konvenut kellu kull opportunita` li jikkontrabatti dik l-istima billi jgib 'il quddiem il-kontro-stima tieghu sostenuta minn persuna professjonalment kwalifikata. Ukoll, fid-dekorrenza tal-kawza huwa baqa' passiv u ma talabx li ssir verifika teknika tax-xoghlijiet maghmula minnu;

iii. Ix-xhud Dennis Briffa ma kien ta’ ebda ghajjut ghall-konvenut ghaliex dan kien nieqes minn esperjenza teknika;

iv. Il-konvenut naqas ukoll milli jsostni l-allegat ftehim verbali dwar rati u hinijiet tax-xoghol li hu jghid li kien jezisti bejnu u Anthony Montebello, rapprezentant tas-socjeta` attrici;

v. Ammess li l-ammont reklamat kellu jgi ulterjorment ridott bis-somma ta’ Lm77 u Lm187 ghal xoghol mill-konvenut ezegwit f’San Pawl tat-Targa u ghall-fornitura ta’ gebel fil-Madliena, mill-kumplament ma setax jiskarta l-prova prodotta mis-socjeta` attrici rigward l-istima tax-xoghlijiet biex jaccetta dik tal-konvenut li baqghet incerta u insodisfatta;

Il-konvenut jattakka din il-konkluzjoni tal-perit gudizzjarju u permezz ta’ Nota ta’ l-Osservazzjonijiet prezentata fil-11 ta’ Dicembru 2009 jissottometti illi:-

1. Hu pprezenta xhieda dettaljata u grafika tal-kwantum tax-xoghlijiet ezegwiti minnu. Dan bil-kollaborazzjoni tal-Book-keeper tieghu Denis Briffa u permezz ta’ prospetti;

2. Il-perit legali ma kellux jaccetta c-certifikat ta’ kejl tal-Perit Edwin Mintoff meta dan stess irrimarka li ma kienx iffirmat minnu u li seta’, ukoll, kien biss abbozz mahdum fuq kejl li ghaddielu l-klijent tieghu;

3. La tqajmet fil-kors tas-seduti l-kwestjoni tan-necessita o meno ta’ perit tekniku, kien jinkombi fuq il-perit legali, li jekk hass il-bzonn, jitlob lill-Qorti ghan-nomina tieghu, u mhux li fil-perizja jirrinfaccja lill-konvenut b’dan in-nuqqas;

4. Ma kien hemm ebda prova konkludenti u cara dwar l-ammont tal-kumpensazzjoni u l-perit legali halla lilu nnifsu jigi impressjonat minn allegazzjoni minflok minn prova konkreta;

5. Il-konkluzjoni tal-perit legali ppremjat lil min kien fil-hazin u t-tgerfix tas-socjeta` attrici gie ppreferut ghad-dokumenti prezentati minnu bil-gurament u mhejjija b'reqqa bl-ghajnuna ta' *book-keeper*;

Premess dan, ma hemmx dubju illi l-kwestjoni prospettata bejn il-kontendenti hija sostanzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` tal-versjonijiet li l-kontendenti jkunu ressqu ghall-gudizzju tal-Qorti. M'hemmx ghalfejn jinghad, anke ghaliex il-punt hu ormai ben maghruf u affermat fil-gurisprudenza taghna illi "ma huwiex insolitu li tribunal jew qorti jsibu ruhhom rinfaccjati b'zewg versjonijiet, anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu halli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo* (**Vol. L P II p 440**), ossija, l-applikazzjoni tal-massima *actore non probante reus absolvitur*. Din il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli minn ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk generalment meqjus bhala sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Ara "**Interior Finishes Supplies Ltd -vs- Ian Tabone**", Appell Inferjuri, 8 ta' Gunju, 2005. Huwa proprju fuq l-iskorta ta' dan il-principju tal-valutazzjoni tal-provi li l-kawza trid tigi anke hawn analizzata u deciza;

Issa hi t-tezi rikorrenti tal-konvenut kif tinzel minn Nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, illi l-perit gudizzjarju ghamel apprezzament zbaljat tar-rizultanzi istruttorji ghaliex hu kien messu, invece, joqghod fuq il-provi, sew testimonjali (tieghu u tax-xhud Denis Briffa), sew dokumentali (il-prospetti a fol. 96, fol. 97, u t-taghrif korrelatat fir-rendikont a fol. 123 u fol. 124) li hu gab 'il quddiem, u skarta x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u l-istima tal-Perit Edwin Mintoff (fol. 62 u fol. 63). Imqeghda f'din il-perspettiva, certament il-kwestjoni ma tistax hlief

tikkonsisti mill-verifika dwar min, fost il-kontendenti, irnexxielu jiggustifika l-fatti kostitutivi tat-talba jew ta' l-eccezzjonijiet ghaliha in bazi ghall-principji tradizzjonali soliti tal-piz tal-prova – *actori incumbit probatio* u *reus in excipiendo fit actor*. Dan hu ta' l-akbar rilevanza f'kazijiet ta' din ix-xorta ghaliex hu minn dak l-accertament u valutazzjoni li jitnisslu l-effetti guridici produttivi;

Kif gja gie osservat, ghall-perit legali l-konvenut ma offrix il-prova relattiva, jew, ahjar, apprezzabbli u konvincenti biex hu seta' jitqieghed in grad li jakkolji l-allegazzjoni tieghu skond il-prospetti esebiti. Kif gja wkoll gie osservat, il-konvenut jikkwerela din id-deduzzjoni u konkluzjoni tal-perit legali u permezz tar-ri-elaborazzjoni personali teighu tal-materjal probatorju jinsisti li din il-Qorti ma ghandhiex tadotta l-perizja ghaliex, fuq il-fehma tieghu, hi s-socjeta` attrici li ma ressqetx provi konvincenti;

Mill-komparizzjoni tal-versjonijiet ta' naha u ta' ohra, assistita wkoll mill-kriterju generali tal-bilanc ta' probabilitajiet u tac-certezza morali ghal liema tirreferi l-gurisprudenza (ara "**Zammit -vs- Petrococchino *nomine***", Appell Civili, 25 ta' Frar, 1952 u "**Harvey -vs- Attard**", Appell Kummercjali, 11 ta' Gunju, 1968), il-Qorti ttendi versu r-ragonament u konkluzjoni tal-perit gudizzjarju. In mertu ghal dan il-gudizzju taghha, u bi twegiba ghall-kritika sottomessa mill-konvenut fin-Nota ta' osservazzjonijiet il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) Jinghad in linea ta' osservazzjoni preliminari illi hu accettat il-principju illi stima, ukoll wahda ppreparata minn perit, la hi assoluta u wisq anqas definittiva. B'danakollu, il-prova kuntrarja tehtieg li tiddemostra b'mod pozittiv illi jew dik l-istima ma tikkorrispondix ghal xi ftehim verbali li setghu ghamlu l-partijiet, jew ghax fiha zbalji sostanzjali, jew ukoll ghaliex hi inikwa u ingusta. Prova din, li fil-kaz in ispecje kienet taggrava fuq il-konvenut gjaladarba huwa hu li bl-eccezzjonijiet tieghu jallega l-iskorrettezzi fl-istima u, konsegwentement, il-fatt minnu

hekk allegat bhala kontroprova ghandu jigi provat minnu (ara “**Mallia -vs- Guillaumier**”, Appell Civili, 12 ta’ Jannar, 1962);

(2) Huwa fatt facilment ikkonstatat illi l-konvenut minn imkien mill-Affidavit tieghu (fol. 70) u mid-deposizzjoni tieghu (fol. 100) ma gab prova tangibbli u accettabbli ta’ xi ftehim verbali dwar ir-rati applikabbli ghax-xoghlijiet minnu ezegwiti. Mhux dan biss, pero`. Huwa naqas ukoll milli jgib prova accertata illi r-rati kif imfassla fil-prospett redatt mill-*book-keeper* tieghu kellhom korrispondenza ghal dawk tas-suq fiz-zmien ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-istess xoghlijiet. Dan qed jigi rilevat in vista wkoll tax-xhieda ta’ Anthony Montebello ghas-socjeta` attrici (fol. 117) fejn dan kategorikament jinnega illi ftehmu fuq xi rata, bl-aggunti illi r-rati adoperati mill-konvenut ma kienux jirriflettu dawk tas-suq ghaliex, *expressis verbis*, “ir-rati tal-konkrete tal-kontrobejt, tat-travi u tas-saqaf u ta’ l-art huma kollha bit-Lm12 il-jarda li fis-sengha ma jinhadmux hekk. Dak iz-zmien is-saqaf kien jigi mkejjel bl-Lm14 u t-travi minn Lm16 sa Lm20 il-jarda”;

(3) Innegabilment, huwa wkoll f’dan il-kuntest li ssib spjegazzjoni l-affermazzjoni tal-perit relatur illi kien jiggjova aktar lill-konvenut illi kieku l-kontro-stima tieghu kellha s-support ta’ persuna aktar teknikament kwalifikata minn dik tal-*book-keeper* tieghu, jew li, almenu, fil-fazi processwali jitlob li jigi nominat espert tekniku;

(4) Ta’ xejn jippretendi l-konvenut illi din l-istess nomina kellha ssir fuq suggeriment tal-perit legali ghaliex, apparti li kif sewwa sottomess mill-perit legali in eskussjoni (fol. 225) huwa ma tqabbadx biex jaghti pariri lill-partijiet, kien dejjem jinkombi fuq l-istess konvenut li jiehu l-inizzjattiva li jressaq talba formali lill-Qorti ghall-hatra ta’ konsulent tekniku u, jekk dan ma ghamlux u baqa’ inerti, ma jistax jippretendi, bi sfaccatagni goffa, illi ghandu jiccensura lill-perit gudizzjarju ghal dak in-nuqqas tieghu. Pretensjoni pretestwuza bhal din la hi accettabbli u wisq anqas lecita. Il-perit legali mhux qieghed hemm biex joffri pariri u assistenza lil xi parti dwar x’ghandha jew x’messha taghmel izda skond il-funzjoni tieghu “li jigbor il-

provi mressqin mill-partijiet u mbaghad jirrelata fuqhom u jissottometti l-pariri tieghu, anke fuq kwestjoni legali sottomessa mill-partijiet, ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti" ("**Calleja -vs- Vella**", Appell Kummercjali, 15 ta' Gunju, 1964);

(5) Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ghamel enfasi zejda fuq ix-xhieda tal-Perit Edwin Mintoff, prodott minnu (ara deposizzjoni ta' dan a fol. 113), u fejn dan jiddikjara illi d-dokument a fol. 62 hu abbozz ta' stima ghaliex mhux iffirmat. Evidentement, il-konvenut jiggranfa mal-bosta xenarji supposti li jsemmi dan ix-xhud u jaghmilhom vangelu bit-tama li jiddiskredita l-istima ta' l-istess Perit, hekk adottata mis-socjeta` attrici ghal skop ta' tpacija. Fir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-imsemmi Perit xehed ghaxar (10) snin wara r-redazzjoni ta' dik l-istima u, gjaladarba kif mistqarr minnu ma setax jiftakar id-dettalji taghha, kien naturali, anke ghaliex ippressat mill-Avukat tal-konvenut, illi jirrikorri ghal certi supposizzjonijiet ta' x'seta' kien jew ma kienx ghat-tfassil ta' dik il-komputazzjoni li saret. Kollox suppost, xejn konkret;

(6) Haga wahda hi pero` certa. Dik l-istess stima ntbaghtet lill-konvenut, li sew hu (fol. 100) sew il-*book-keeper* tieghu Denis Briffa (fol. 99), jaccettaw li giet ricevuta u, avolja mhix iffirmata, huma adottaw lilha biex ifasslu l-prospett taghhom u jillustraw fejn ma jaqblux maghha. Prospett dan, li kif konfessat in kontro-ezami mill-imsemmi Denis Briffa (fol. 121) gie ppreparat fuq l-informazzjoni li ghaddielu l-konvenut u d-dokument (fol. 123 u fol. 124) redatt minn terza persuna ghan-nom tal-konvenut. Dokument dan ta' l-ahhar, li kif ukoll mistqarr mill-istess Briffa, ma jaqbelx ghal kollox ma' dak imfassal minnu;

Is-sintesi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha hi, fil-hsieb ponderat tal-Qorti, dik li l-prospett li fuqu l-konvenut jikkampa d-difiza tieghu ma jipproducix dak l-effett idoneju li jqieghed fid-dubju l-istima tal-Perit inkarigat mis-socjeta` attrici. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha

mill-perizja li dwarha s-sens logiku jiddetta li ghandha tigi adoperata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u bl-adozzjoni tal-perizja takkolji t-talba tas-socjeta` attrici limitament pero` fis-somma ta' elf disa' mija u hamsin lira Maltija, sitta u tletin centezmu (Lm1950.36) ossija ebrat elef hames mija tlieta u erbghin euro u tnax-il centezmu (€4543.12). Hi din is-somma li l-konvenut qed jigi kundannat ihallas lis-socjeta` attrici, flimkien ma' l-imghaxijiet legali kif mitlub, u l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------